Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10873 - SANLAM / ALLIANZ / SANLAM ALLIANZ AFRICA JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 381/06)

1. Fis-27 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sanlam Limited ("Sanlam", l-Afrika t'Isfel),

— Allianz SE ("Allianz", il-Ġermanja),

— Sanlam Allianz Africa Proprietary Limited ("Sanlam Allianz Africa", l-Afrika t'Isfel), impriża bi sħab (joint venture) li għadha kif inħolqot.

Esanlam u Allianz se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Sanlam Allianz Africa.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sanlam huwa grupp ta' servizzi finanzjarji internazzjonali li jinkludi diversi assikuraturi, fornituri ta' servizzi finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

— Allianz huwa grupp globali integrat ta' servizzi finanzjarji li jopera fi prodotti tal-assikurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja u tal-ġestjoni tal-assi.

3. Sanlam Allianz Africa se topera bħala impriża bi sħab pan-Afrikana tal-assikurazzjoni tal-ħajja u ġenerali bejn Sanlam u Allianz. Sanlam se jikkontribwixxi entitajiet li permezz tagħhom iwettaq in-negozji tal-assikurazzjoni u tal-ġestjoni tal-assi tiegħu fl-Angola, il-Benin, il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Kamerun, il-Kongo, il-Gabon, il-Ghana, il-Ginea, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Madagaskar, il-Malawi, il-Mali, il-Mawrizju, il-Marokk, il-Mozambique, in-Namibja, in-Niġer, in-Niġerja, ir-Rwanda, is-Senegal, l-Afrika t'Isfel, it-Tanzanija, it-Togo, l-Uganda u ż-Żambja. Allianz se jikkontribwixxi entitajiet li permezz tagħhom twettaq negozju tal-assikurazzjoni fil-Burundi, il-Kamerun, l-Eġittu, il-Ghana, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Madagaskar, Mauritius, il-Marokk, in-Niġerja, is-Senegal, it-Tanzanija u l-Uganda.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10873 - SANLAM / ALLIANZ / SANLAM ALLIANZ AFRICA JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË